# <u>NOMINA TA’ DOTT ALEXANDER SCERRI HERRERA GĦALL-ĦATRA TA’ AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAL-LITWANJA</u>

*<u>Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern</u>*

1. X’taħseb li huma l-isfidi li għandha l-Litwanja? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f’dan il-pajjiż? X’inhuma l-binarji, b’mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f’każ li tinħatar Ambaxxatur?

   Fil-preżent il-Litwanja tinsab ikkonċernata b'dak li hija tipperċepixxi bħala theddida u cjoè sfida potenzjali fis-sigurtà tagħha mir-Russja u dan anke in vista tal-ħatfa ta' art illegali illi saret fil-Krimea propju fl-2014 u l-invażjoni li għadha għaddejja fl-Ukrajna. Dana minkejja l-fatt illi l-Litwanja ma tmissx direttament mar-Russja, iżda tmiss direttament mal-Latvja u l-Belarus li t-tnejn huma ġirien u għandhom relazzjoni tajba mal-istat Russja. Fil-preżent il-Litwanja għandha problema minħabba influss qawwi ta' Immigranti li qed jiġu rilokati mill-pajjiżi ġirien tagħha li huma affetwati mil-gwerra fosthom il-Belarus.

   Jingħad li l-Litwanja ħarġu għonqhom bis-saħħa sabiex jikkundannaw l-invażjoni tar-Russja ġewwa l-Ukrajna tant huwa hekk li fi Frar ta' 2022 il-President tal-Litwanja Gitanas Nauseda kien ddikjara stat ta' emergenza. Apparti minn hekk il-Litwanja qiegħda wkoll tagħti ħafna assistenza ta' natura umanitarja kemm lill-Ukrajna kif ukoll lid-diversi persuni li qed ikollhom jirrilokaw. Huwa interessanti li l-Ordni ta' Malta ġewwa l-Litwanja magħrufa bħala “Order of Malta's relief organisation” diġà qiegħda tagħti l-assistenza tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma’ integrazzjoni ta' barranin billi tagħti għajnuna legali u amministrattiv ġewwa l-Litwanja.

   Personalment jiena nemmen li huwa importanti ħafna li bħala pajjiż nagħtu appoġġ sħiħ u nuru solidarjetà mal-pajjiżi kollha qed jiġu direttament affetwati mill-attakki kurrenti tar-Russja. Bl-istess mod jekk ninħatar bħala Ambaxxatur ser nagħmel l-almu tiegħi sabiex nirrapreżenta ‘l Malta b'mod tajjeb u nagħti l-assistenza kollha li possibilment inkun nista’ permezz tas-servizz diplomatiku.

2. Bħala Ambaxxatur mhux Residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista’ jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn il-Litwanja u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   Jidher illi Malta ilha li stabbiliet rabtiet soċjali mal-Litwanja sa minn madwar tletin sena ilu meta l-Ordni ta' Malta relief organisation kienet bdiet tibni relazzjonijiet mal-istess gvern tal-Litwanja u tagħti għajnuna speċjalment fir-rigward tal-anzjani fejn saħansitra kienet anke pprovdiet facilità sabiex takkomoda numru sostanzjali ta' nies anzjani. In segwitu wkoll l-ordni provdiet programmi edukattivi u soċjali f'diversi bliet ġewwa l-Litwanja. Il-Litwanja ilha wkoll membru tal- Unjoni Ewropeja mis-sena 2004 propju bħal Malta u għalhekk għandna ħafna interessi komuni u nistgħu niġbdu l-istess ħabel fuq suġġetti li jolqtu pajjiżi żgħar bħall-immigrazzjoni u inflazzjoni. Jekk ningħata il-fiduċja jiena ser naħdem sabiex inkompli nissoda dawn ir-rabtiet.

Il-verità hija li waħda mill-akbar sfidi li jeżistu sfortunatament hija dik ta' lingwa in vista tal-fatt li l-lingwa Litwena hija bbażata fuq ir-Russu u differenti ħafna kemm mil-Ingliż kif ukoll mil-Malti. Minkejja dan, il-Litwanja hija waħda mill-aktar pajjiżi Baltiċi li fih jitkellmu Ingliż bħala t-tieni lingwa fejn 30% tan-nies jafu l-Ingliż u 80% taż-zgħażagħ ukoll huma kapaċi jikkomunikaw bl-istess lingwa. Illi għalhekk ċertament il-linja u mezz ta' komunikazzjoni żgur li għandu ħafna potenzjal fejn jitjieb.

3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Litwanja? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   L-industriji prinċipali li jiddominaw il-Litwanja huwa dawk taż-żejt, il-proċessar tal-ikel, il-produzzjoni ta' industriji tat-tessuti u l-provvista ta' enerġija. Dawn huma kollha riżorsi li ċertament Malta tista' tesplojta a benefiċċju tagħha bi prezzijiet aktar favorevoli jekk kemm il-darba ir-relazzjonijiet ta' bejnietna jitjiebu.

4. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

   Meta wieħed jitkellem fuq trattati bilaterali bejn Malta u l-Litwanja wieħed jaħseb immedjatament fuq l-arranġament li hemm fuq il-prinċipju tad-double taxation liema arranġament fil-verità tapplika ma diversi pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea u qiegħda hemmhekk sabiex tassikura l-ħlas tat-taxxa.

   Aktar importanti minn dan però, riċentement kien hemm attentat mill-Unjoni Ewropea sabiex teffettwa bidliet drastiċi fit-trattati b'mod ġenerali. Dan partikolarment rigward it-tneħħija tal-possibilità ta' *veto* fuq affarijiet bħal saħħa, taxxa, sigurtà nazzjonali u diversi aspetti oħra fejn l-Unjoni Ewropea riedet aktar kontroll.

   Malta, il-Litwanja flimkien ma' numru ta' pajjiżi oħra oġġezzjonaw bis-saħħa għal tali bidliet. Nemmen illi Malta għandha taħdem id f'id ma' pajjiżi oħrajn bhal Litwanja li qed joġġezzjonaw għal tali bidliet u dan in vista tal-effetti li jista jkollhom dawn il-bidliet fuq il-poteri tal-istat Malta li toġġezzjona għal implementazzjoni awtomatika ta' cċrtu bidliet fil-policies nazzjonali.

5. Kif tara li Malta u l-Litwanja jistgħu jikkollaboraw, possibilment anke fis-setturi tal-industrija u tas-servizzi? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok Bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?

   Ta' min isemmi li l-Litwanja huwa propju stat membru tal-Unjoni Ewropea u dan ifisser konformità u libertà f'dak li għandu x'jaqsam ma' distribuzzjoni ta' prodotti, kif ukoll ta' persuni fl-Unjoni Ewropea. F'dawn l-aħħar żminijiet rajna influss qawwi ta' persuni ġejjin minn pajjiżi terzi sabiex jaħdmu ġewwa Malta ġeneralment fl-industrija tat-turiżmu. Ir-realtà hija li s-settur tat-turiżmu ġewwa Malta qed jibqa' jikber minn sena għall-oħra u l-prospett ta' pajjiż mil-Unjoni Ewropea li minnha nkunu nistgħu nħajru lin-nies sabiex jiġu jaħdmu Malta ċertament jista' jkun ta' benefiċċju. Dan in vista tal-fatt li persuni mil-Litwanja għandhom kultura Ewropea kif wkoll il-maġġoranza tal-istess nies jitkellem bl-Ingliż ukoll.

It-tip ta' turiżmu li jiġbdu kemm Malta kif ukoll il-Litwanja huma differenti ħafna fejn Malta tipprovdi settur ta' turiżmu bbażat fuq l-istorja u l-baħar, waqt illi ġewwa il-Litwanja t-turisti aktar ifittxu l-ambjent u n-natura.

Bħala Ambaxxatur inkun nista' nħeġġeġ u nippromwovi dan is-settur tat-turiżmu Malti kif wkoll inkun nista' nopera bħala estenzjoni tal-istat Malti għal persuni Maltin li għandhom rabtiet sodi mal-Litwanja..

6. Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   Meta wieħed jara l-Curriculum Vitae tiegħi, huwa ampjament evidenti li l-linja prinċipali tax-xogħol tiegħi f'dawn l-aħħar snin kien dak ta' avukat. Biss però, bħala parti integrali tal-istudji tiegħi jiena għamilt Masters fis-suġġett ta' public international law, liema masters kien jinkludi studju estensiv fuq is-servizz tal-korp diplomatiku, ir-responsabbilitajiet tal-pajjiżi fuq livell internazzjonali kif ukoll id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

   Nixtieq inżid ukoll li bħala parti mill-istess studji li għamilt ġewwa l-Olanda kont pparteċipajt f'kompetizzjoni ta' moot court li kien jitratta suġġett ta' problemi ġewwa ambaxxata f'pajjiż terz. Ngħid illi jiena flimkien mat-tim ta' tlett kollegi tiegħi konna rbaħna l-kompetizzjoni nazzjonali tal-Olanda kif ukoll konna ġejna it-tieni fis-sezzjoni tal-kompetizzjoni internazzjonali. Dan huwa evidenti mill-anness hyperlink jekk wieħed jixtieq jikkonferma dan id-dettall. https://www.uu.nl/en/news/law-students-won-the-national-round-of-the-telders-international-law-moot-court-competition-2017

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   Nemmen illi diġà jeżistu rabtiet relattivament sodi mal-Litwanja b'mod ġenerali u dan in vista tal-fatt li ż-żewġ stati huma stati membri fl-Unjoni Ewropea u saru membri propju fl-istess sena. Il-Litwanja wkoll għandhom konsolat onorarju ġewwa Malta bi preżenza effettiva u għalhekk diġà jeżisti punt ta' kuntatt qawwi bejn il-pajjiżi.

   Jekk ningħata l-fiduċja tagħkom jiena ser nagħmel dak kollu li nista' mal-komunità tal-Litwanja ġewwa Malta sabiex nistabbilixxi rabtiet aktar sodi biex inkun punt ta' kuntatt ideali għal Malta ġewwa l-Litwanja kif ukoll għall-Maltin fejn ikollhom bżonn ta' xi assistenza ġewwa l-Litwanja.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   Jiena nemmen li l-uniku sfida li teżisti bejn Malta u l-Litwanja hija l-ostaklu tal-lingwa fejn persentaġġ qawwi tal-anzjani ġewwa l-Litwanja ma humiex kapaċi jikkomunikaw sew bl-Ingliż. Grazzi għall-avvanzi teknoloġiċi però kif ukoll il-

modernizzazzjoni tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea jidher li dan l-ostaklu inqas ser ikun effettiv.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   Is-sistema governattiva tal-Litwanja hija simili għal Malta fejn il-gvern jitmexxa mil-Prim Ministru waqt illi il-kap ta' Stat huwa l-president. Il-Litwanja hija repubblika demokratika fejn hemm diversi partiti fil-parlament li jirrapreżentaw ideat u ideoloġiji differenti. Bl-istess mod is-sistema politika ta' Malta għandha l-istess struttura fejn ukoll hemm diversi partiti li huma vokali u li jirrappreżentaw fazzjonijiet differenti tas-soċjetà għalkemm il-parlament Malti huwa kompost minn żewġ partiti u l-partiti żgħar Malta ma għandhom l-ebda rappreżentanza fil-parlament.

   L-aktar valuri u interessi komuni li jeżistu bejn iż-żewġ pajjiżi huma propju dawk li tħaddan l-Unjoni Ewropea u ċjoè dik tal-Free market of good, free market of trade u free market of persons.

4. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dak il-pajjiż?

   Nista' nikkonfmera li jiena personalment żort kemm il-Litwanja kif ukoll il-pajjiżi ġirien tal-istess u ċjoè l-Latvja, Estonia u l-Polonja. Nikkonferma li dawn iż-żjarat kienu żjarat bħala turist li ma kellhomx x'jaqsmu ma' xogħol jew investimenti. Nikkonferma li jiena ma għandi l-ebda investiment ġewwa l-Litwanja u lanqas rabtiet kummerċjali.

5. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

   Nikkonferma li jiena minix impjegat ta' xi dipartiment, awtorità jew entità oħra governattiva. Nikkonferma li nagħmel xi xogħol legali għall-istat Malti biss però ma għandix rabtiet bħala impjegat tal-istess.

6. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

   Nikkonferma li qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari.

7. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   Nikkonferma li qatt ma kont involut.

8. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

Nista’ nikkonferma li żgur ma għandi l-ebda kunflitt ta' interess f'din il-ħatra u li kieku kien hemm prospett ta' xi konflitt ċertament jiena kont nizvela dan immedjatament.

9. Tista’ tiddikjara jekk għandekx passaport ta’ pajjiż ieħor?

   Le.